**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Fl-atti tal-kawza fl-ismijiet**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Kersten Catania**
**(I.D. Nru. 422191(M))**

Numru: 364/2013

Illum 14 ta' Marzu 2017

Il-Qorti,

Regghet rat ir-Rikors (*a fol.* 63) tal-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugejja tal-11 ta' Jannar 2017 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta' l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn informat lil din il-Qorti bis-segwenti:

*"1. Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' Kersten Catania numru ta' identita' 422191M residenti Ustinov Stable, Triq is-Serkin, Marsa b'numru tat-telefon 99093024;*

*2. Illi Kersten Catania naqas li jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-Ufficcju u l-Ufficjal tal-Probation, skond id-direttivi moghtija lilu;*

*3. Illi huwa naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-isess Ufficjal tal-Probation sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga".*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat is-sentenza (*a fol.* 20 *et seq.*) moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fis-16 ta' Jannar 2014 permezz ta' liema sentenza, din il-Qorti, fuq ammissjoni, sabet lill-imsemmi Kersten Catania hati skond l-akkuza u cioé talli:

1. fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Dicembru 2009 mill-Qormi Football Club Nursery, li jinsab fi Triq il-Belt Valletta, Qormi, flimkien ma' persuni ohra kkometta serq ta' diversi oggetti liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Kevin D'Amato u/jew persuna/i ohra;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioé fuq *vending machine*, liema ammont ta' hsara jiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Kevin D'Amato u/jew persuna/i ohra.

Rat illi in segwitu tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fis-16 ta' Jannar 2014, kienet diga saret denunzja ohra fit-13 ta' Awwissu 2014 (*a fol.* 29), ghal liema denunzja nghatat sentenza fit-28 ta' Settembru 2015 minn din il-Qorti kif diversament preseduta fejn il-Qorti diversament preseduta kkundannat lill-Kersten Catania ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsin Euro (€50) u ordnat it-tkomplija fis-sehh tal-Ordni ta' *Probation* tas-16 ta' Jannar 2014.

Semghet id-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja fis-seduta tas-7 ta' Frar 2017 (*a fol.* 68 *et seq.*) u fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 74).

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017, lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2017, lid-difiza taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 75).

**Ikkunsidrat**

Illi mid-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja jirrizulta, fost l-ohrajn, is-segwenti: li Kersten Catania abbuza mid-droga sintetika waqt li kien qed isegwi programm ta' rijabilitazzjoni, li Catania tkecca minn dan il-programm minhabba problema ta' attitudni, minkejja d-diversi tentattivi li saru mill-Ufficjal tal-*Probation* sabiex taghmel appuntamenti ma' Kersten Catania, Catania baqa' ma attendiex. Jirrizulta wkoll li Catania waqqaf il-kuntatt tieghu fi hdan l-Agenzija Sedqa. L-Ufficjal tal-*Probation* tispjega wkoll li fit-13 ta' Jannar 2017 Kersten Catania telaq kontra kull parir mediku minn Dar l-Impenn u li eventwalment dahal go *Dual Diagnosis Unit* fi hdan l-iSptar Monte Carmeli izda ghal darb'ohra rega' telaq kontra kull parir inkluz taghha.

Illi l-Qorti hija sodisfatta, minn dak li jirrizulta fl-atti processwali, li dak li nghad mill-Ufficjal tal-*Probation* Anabel Bugeja fir-Rikors taghha pprezentat fil-11 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 63) gie sodisfacentement pruvat u dana *stante* li jirrizulta li Kersten Catania naqas li jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-Ufficcju u l-Ufficjal tal-*Probation*, skond id-direttivi moghtija lilu u naqas ukoll li joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-isess Ufficjal tal-*Probation* sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga.

Illi l-Qorti tinnota li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti kienu nkluzi fl-Ordni tal-*Probation* tas-16 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 24 *et seq.*) liema Ordni kienet inghatat fis-sentenza moghtija fl-istess gurnata (*a fol.* 20 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt li apparti li Kersten Catania nghata opportunita' jirriforma hajtu permezz tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fis-16 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 20 *et seq.*), huwa rega' inghata opportunita' ohra fit-28 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 60 *et seq.*) minn din il-Qorti kif diversament preseduta meta din il-Qorti kif diversament preseduta kkonstatat li Kersten Catania kiser xi kondizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' *Probation* tas-16 ta' Jannar 2014 u filwaqt li kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsin Euro (€50.00) ordnat it-tkomplija fis-sehh ta' l-istess Ordni ta' *Probation* tas-16 ta' Jannar 2014.

Illi l-iskop tal-*probation* huwa sabiex persuni misjuba hatja ta' xi reat jew reati jinghataw l-ghajnuna necessarja minn Ufficjali tal-*Probation* kif ukoll minn professjonisti ohra, skond il-htiega. F'dan il-kaz il-*probationer* wera bic-car illi huwa mhuwiex lest jilqa' din l-ghajnuna u dana minkejja d-diversi cansijiet li tatu din il-Qorti, liema cansijiet jirrizultaw mill-atti processwali. F'Kersten Catania ma tezisti l-ebda motivazzjoni u rieda biex ibiddel hajtu. Huwa ma riedx jitghallem u ma gharafx jisfrutta l-opportunitajiet diversi li tatu l-Qorti a gwadann tieghu. Isegwi ghalhekk li, fid-dawl tax-xiehda tal-Ufficjal tal-*Probation* u fid-dawl tar-rizultanzi processwali, din il-Qorti ma ssib l-ebda triq ohra hlief li a tenur tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, titratta mal-*probationer* mill-gdid ghar-reati li dwarhom instab hati bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu fis-16 ta' Jannar 2014. Il-Qorti tinnota li m'hemmx lok li l-Ordni ta' *Probation* tigi revokata u dana *stante* li din l-Ordni ta' *Probation* diga giet fi tmiemha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Kersten Catania kiser l-Ordni ta' *Probation* tas-16 ta' Jannar 2014, filwaqt li ma ghandhiex ghalfejn tirrevoka l-Ordni msemmija ghar-raguni ndikata fil-paragrafu precedenti, **tittratta** ma' Kersten Catania mill-gdid ghar-reati imsemmija hawn fuq u, wara li rat Artikoli 17(h), 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna** lil Kersten Catania ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Finalment, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-hati l-ghajnuna kollha mehtiega minhabba l-problema ta' droga li ghandu.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**